# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**20 ta' Jannar, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmelo Bonnici

*versus*

Eucharistico Zammit *noe*

**Ċitazzjoni – Nullità ta' – Illoġiċità u Inkonsistenza ta'**

*L-art tal-Kodiċi tal-Proċedura jiddisponi illi l-oġġett u t-talba tat-talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissra ċar u sewwa fiċ-ċitazzjoni. Biex ċitazzjoni tiġi mwaqqa' jrid ikun hemm raġuni gravi u fost kollox għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx defiċjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità ta' Ċitazzjoni ġiet miċħuda.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li xtara mingħand il-konvenut karrozza Numru B – 6399, *Isuzu Gemini,* suppost bil-prezz ta' tlett elef tmien mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm3875), somma li ġiet interament imħallsa, iżda fil-fatt il-konvenut għamel riċevuta biss tas-somma ta' tlett elef u mija u erba' u għoxrin lira Maltija (Lm3124) u illi s-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin lira Maltija (Lm751) ġiet għalhekk imħallsa indebitament u in eċċess tal-prezz veru u li kellu jitħallas skond il-liġi, talab li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat jirrifondi lill-attur is-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin lira Maltija (Lm751) somma mħallsa in eċċess fuq il-prezz legali tal-karrozza numru B – 6399, *Isuzu Gemini,* mixtrija mill-attur mingħand l-istess konvenut *nomine,* bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa;

1. Preliminarjament, in-nullità taċ-ċitazzjoni *stante* illi:

a) Iċ-ċitazzjoni m'hijiex ċara u hija illoġika u inkonsistenti fiha nnifisha. Dwar il-karenza – *res ipsa loquitur;* Dwar l-illoġiċità u l-inkonsistenza – għaliex ma ngħatax irċevuta għal parti tal-prezz allegatament imħallas ''għalhekk'' dak l-ammont tħallas indebitament u in eċċess tal-prezz veru, u għalhekk talab rifużjoni ta' dik il-parti tal-prezz m'hux koperta b'riċevuta bħal somma mħallsa in eċċess tal-prezz legali;

b) Il-premessi taċ-ċitazzjoni ma jiġġustifikawx anzi huma estraneji għat-talbiet taċ-ċitazzjoni. *Vide* eċċezzjoni tnejn (2) *infra;*

2. Il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi għaliex ir-"raġunijiet" indikati mill-attur biex isostnu t-talba huma differenti u m'humiex konformi mat-talba. Fil-fatt waqt li l-**premessi** huma bbażati fuq ħlas **indebitu** minħabba ħruġ ta' irċevuta li ma jurix il-prezz kollu pattwit, **it-talba** hija għall-ħlas in eċċess tal-prezz legali ta' l-oġġett mixtri;

3. Il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi *stante* illi din hekk kif dedotta tippresupponi *eżistenza ta'* "prezz legali" in distinzjoni mal-prezz pattwit". Però fil-fatt dan il-"prezz legali" m'hux biss ma huwa msemmi mkien fil-premessi taċ-ċitazzjoni imma fil-fatt dan il-"prezz legali" m'huwa lanqas stabbilit. Għalhekk biex il-Qorti tkun tista' tgħaddi għat-talba ta' l-attur trid l-ewwel tkun mitluba tistabbilixxi li l-"prezz legali" u wara li dan il-prezz huwa divers (jekk fil-fatt ikun il-każ) mill-prezz pattwit, mingħajr dawn id-dikjarazzjonijiet ġudizzjarji premessi l-Qorti ma tistax tgħaddi biex tikkunsidra t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

4. Fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-attur ħallas biss il-prezz tal-karrozza oltre l-ispejjeż relattivi mal-liċenzjar ta' l-istess karrozza. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Marzu, 1984 li biha ddeċidiet billi tirrespinġi l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut u ddikjarat iċ-ċitazzjoni valida u rriservat li tipprovdi dwar l-ispejjeż inkorsi ma' l-istess deċiżjoni fil-finali ġudizzju, wara li kkunsidrat:

Bil-verbal tat-3 ta' Marzu, 1984 ġie rreġistrat li dak inhar ġew ittrattati l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-Qorti

ġiet mitluba biex tagħti sentenza proprju fuq dawn it-tliet eċċezzjonijiet qabel ma l-kawża titkompla fuq il-mertu;

L-attur fiċ-ċitazzjoni qed jippremetti:

1. Li hu xtara l-karrozza *'de qua'* mingħand il-konvenut bil-prezz ta' Lm3,875;

2. Li hu ħallas is-somma intiera lill-konvenut;

3. Li l-konvenut irrilaxxjalu riċevuta f'ammont iżgħar b'Lm751;

4. Li l-ammont ta' Lm751 ġie mħallas indebitament u in eċċess tal-prezz veru u li kellu jitħallas skond il-liġi;

L-artikolu 155(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura jgħid li *"The writ of summons shall be prepared by the plaintiff and shall contain 'a clear and correct statement of the subject matter and the cause of the claim' "*. Dan jiġifieri li l-oġġett u r-raġuni tat-talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissra ċar u sewwa fiċ-ċitazzjoni. Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur għandu mill-ewwel jiġi meħud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-artikolu 155(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u għalhekk iġib miegħu n-nullità taċ-ċitazzjoni. Infatti biex ċitazzjoni tiġi mwaqqa' jrid ikun hemm raġuni gravi, u fost kollox, għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx defiċjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi ppreġudikat fid-difiża tiegħu;

Il-kovnenut fl-ewwel tliet eċċezzjonijiet qiegħed jeċċepixxi n-nullità taċ-ċitazzjoni ta' l-attur minħabba illoġiċità u inkonsistenza fiha nnifisha, li l-premessi huma estraneji għat-

talbiet ta' l-attur u li l-premessi huma bbażati fuq ħlas indebitu minħabba ħruġ ta' riċevuta li ma turix il-prezz legali li m'hu msemmi mkien fiċ-ċitazzjoni u m'hemmx talba fiċ-ċitazzjoni biex jiġi stabbilit dan il-prezz legali;

Il-mod kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni ma jidhirx li kien l-aktar mod feliċi li seta' jagħżel l-attur. Però jibqa' l-fatt li kompitu ta' din il-Qorti hu li tara u teżamina jekk hux il-każ li dan il-mankament huwa daqshekk gravi li jġib miegħu n-nullità taċ-ċitazzjoni kif pretiż mill-konvenut. Barra minn hekk dik il-Qorti trid tara wkoll jekk fiċ-ċitazzjoni kif redatta hemm xi preġudizzju serju lill-konvenut;

Apparti l-ewwel premessa fiċ-ċitazzjoni li tirrigwarda l-ħlas u l-irċevuta rrilaxxjata għal somma anqas minn dik imħallsa, l-attur jippremetti li allura s-somma ta' Lm751 ġiet imħallsa indebitament, żied ukoll li dan in eċċess tal-prezz veru u li kellu jitħallas skond il-liġi. B'hekk jidher ċar li l-attur qed jippretendi li l-prezz legali tal-karrozza *'de qua'* huwa ta' Lm3124. Fid-dikjarazzjoni, dan il-fatt (ilmentat mill-konvenut) joħroġ aktar ċar u l-attur fit-tieni paragrafu jgħid: ''l-esponenti sar jaf, anzi li l-ammont ta' Lm751 li mhux kopert fl-irċevuti huwa eċċess fuq il-prezz ġust u li seta' skond il-liġi jintalab għal din il-karrozza''. B'hekk wieħed jista' jgħid li dak li qed jallega l-attur huwa *li hu ħallas lill-konvenut* Lm751 *iżjed mill-prezz* legali u kwindi billi hu indebitu u tħallas in eċċess u qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondilu din l-istess somma;

Fil-fatt mill-konvenut tar-raba' eċċezzjoni tiegħu, li tgħid, li l-attur ħallas biss il-prezz tal-karrozza oltre l-ispejjeż relattivi għal-liċenzjar ta' l-istess, jidher li l-konvenut fehem b'mod inekwivoku x'kien qed jippremetti u jitlob l-attur fiċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut *nomine* ppreżentata fid-19 ta' Marzu, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut *nomine* ppreżentata fl-4 ta' April, 1984 li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija f'din il-kawża fil-15 ta' Marzu, 1984 inkwantu li ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tiegħu u tilqa' l-istess tliet eċċezzjonijiet u tiddikjara ċ-ċitazzjoni nulla bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur appellat ippreżentata fil-11 ta' April, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ċaħdet it-tliet eċċezzjonijiet fuq imsemmija tal-konvenut appellant *nomine*. F'dan l-appell huwa qed isostni, għar-raġunijiet minnu avanzati fil-petizzjoni tiegħu u fit-trattazzjoni, li l-ewwel Qorti jmissha laqgħet l-imsemmija tliet eċċezzjonijiet;

Jekk wieħed jeżamina sew iċ-ċitazzjoni – u din għandha tiġi eżaminata fit-totalità tagħha u mhux spezzettata – jidher ċar x'qiegħed jippretendi l-attur appellat. Infatti fl-ewwel premessa taċ-ċitazzjoni l-attur appellat qiegħed jenunċja l-fatt li huwa xtara mingħand il-konvenut *nomine* karrozza bil-prezz ta' Lm3875 u li ħallas dan il-prezz iżda ġie mogħti rċevuta ta' Lm3124. L-attur appellat, wara li enunċja l-imsemmi fatt, sostna

fit-tieni *premessa* taċ-ċitazzjoni li d-differenza bejn l-imsemmija żewġ somom kienet ġiet imħallsa indebitament u fl-istess premessa jkompli jispjega li dik id-differenza kienet in eċċess tal-prezz veru u li kellu jitħallas skond il-liġi;

Mela skond il-premessi taċ-ċitazzjoni l-attur appellat qiegħed jippretendi li ħallas Lm751 *żejjed* u għalhekk *indebitament* u dana billi dak li ħallas kien in eċċess tal-prezz veru u stabbilit mil-liġi;

In segwitu għall-imsemmija, l-attur appellat talab ir-rifużjoni ta' l-istess somma billi – u hawn reġa' rrepeta dak li kien qal fit-tieni premessa taċ-ċitazzjoni – ġiet imħallsa fuq il-prezz legali;

L-istess ħaġa qal l-attur appellat fid-dikjarazzjoni ġuramentata li takkompanja ċ-ċitazzjoni. Wara *li qal li xtara* karrozza bil-prezz ta' Lm3875 li ġie mħallas u li tawh biss irċevuta ta' Lm3124, kompla jgħid li sar jaf li d-differenza mhux koperta bl-irċevuta kienet eċċess fuq il-prezz ġust li setgħa jintalab skond il-liġi;

Il-Qorti, fid-dawl ta' dak li ntqal fuq a bażi ta' dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dikjarazzjoni ta' l-attur appellat, issibha diffiċli – biex wieħed jgħid l-inqas – biex tifhem lill-konvenut appellant *nomine* meta jgħid li ċ-ċitazzjoni mhux ċara u hija illoġika u inkonsistenti, u li l-premessi taċ-ċitazzjoni ma jiġġustifikawx it-talbiet *taċ-ċitazzjoni. L-attur appellat qiegħed jitlob ir-rifużjoni* ta' l-imsemmija somma għax jippretendi li ħallasha indebitament, jiġifieri meta ma kellux *iħallasha – u dana* għaliex, skond hu, il-prezz skond il-liġi, jiġifieri l-prezz legali, kien Lm751 inqas minn dak li fil-fatt ħallas. Il-pretensjoni ta'

l-attur appellat mela hija ċara u dak li qed jiġi mitlub huwa skond dak li qiegħed jiġi pretiż fil-premessi taċ-ċitazzjoni;

Jekk din il-pretensjoni ta' l-attur appellat hijiex fondata jew le tifforma l-mertu tal-kawża preżenti u ma qiegħda tiġi bl-ebda mod deċiża minn din il-Qorti f'din is-sentenza li tirrigwarda biss l-imsemmija eċċezzjonijiet u għalhekk qiegħda tiġi mħollija impreġudikata għaż-żewġ kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenut appellant *nomine*. Dil-Qorti tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.